31991R2155

L 205/1 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 27.7.1991

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2155/91

## ta' l-20 ta' Ġunju 1991

## li jistipula dispożizzjonijiet għall-applikar ta' l-Artikoli 37, 39 u 40 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assigurazzjoni diretta għajr l-assigurazzjoni fuq il-ħajja

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-aħħar sentenza ta' l-Artikoli 57(2) u l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

F'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assigurazzjoni diretta għajr l-assigurazzjoni fuq il-ħajja ġie ffirmat fil-Lussemburgu fl-10 ta' Ottubru 1989;

Billi taħt dak il-Ftehim, Kumitat Magħqud għandu jkun stabbilit biex jamministra l-Ftehim, jassigura li dan ikun implimentat kif xieraq u jieħu deċiżjonijiet fiċ-ċirkostanzi li dan jipprovdi għalihom; billi r-rappreżentanti tal-Komunità dwar il-Kumitat Magħqud għandhom ikunu nnominati u għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet partikolari li jikkonċernaw id-determinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Komunità fil-Kumitat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Il-Komunità għandha tkun irrappreżentata fil-Kumitat Magħqud kif ipprovdut fl-Artikolu 37 tal-Ftehim mill-Kummissjoni, megħjuna mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri.

*L-Artikolu 2*

Il-pożizzjoni tal-Komunità fil-Kumitat Magħqud għandha tiġi adottata mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.

Fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kumitat Magħqud skond l-Artikoli 37, 39 u 40 tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti lill-Kunsill, li għandu jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata.

*L-Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fill-ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-20 ta' Ġunju 1991.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. GOEBBELS

([1]) ĠU C 53, tal-5. 3. 1990, p. 46.
([2]) ĠU C 72, tat-18. 3. 1991, p. 175, u d-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 1991 (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU C 56, tas-7. 3. 1990, p. 27.